

# mingħajr daqq ta' trombi!

Omar Seguna

It-tagħlim nisrani huwa dejjem ta' gwida speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn inħossuna mitlufin. U f'dinja fejn speċjalment permezz tat-teknoloġija, l-immedjatezza, t-tagħrif, it-tixrid tal-informazzjoni permezz tal-mezzi soċjali, hemm wisq il-ħtieġa ta' gwida morali u li nfittxu wkoll għeruqna. Alla ppermetta, fil-ħniena u l-kobor tiegħu, li d-diffikultajiet kollha tal-bniedem jifimhom meta għażel li jkun fostna bħala bniedem. U meta kien taħt il-ħarsien tal-Familja Mqaddsa, Ġużeppi flimkien ma' Marija kienu punt ta' referenza. U għalhekk anke aħna, għandna nħarsu lejn Ġużeppi bħala gwida speċjalment sabiex naġixxu tajjeb quddiem realtajiet ġodda u li ma nkunux imhejjijin għalihom.

X'għamel Ġużeppi quddiem sitwazzjoni fejn Marija li kien iħobb kien ser ikollha tarbija bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu? X'għamel Ġużeppi sabiex iħares lil ibnu minn Erodi? Ġużeppi li kif nafu mir-rakkont Bibliku kien "raġel ġust" (Mt:1:19), li ħares il-liġi billi niżżel lil ibnu fir-reġistri tal-Imperu ta' Ruma - iċ-ċensiment - tant li huwa mniżżel bħala "Ġesù ta' Nażaret bin Ġużeppi" (Ġw. 1,45).

Nirrifletti ftit dwar dawn ir-rakkonti Bibbliċi u dak li għamel Ġużeppi nasal għal tliet punti:
San Ġużepp ħaseb fil-fond
San Ġużepp ħadem fis-skiet u mingħajr daqq ta' trombi
San Ġużepp ma beżax jieħu azzjoni

Dwar dawn ir-riflessjonijiet se nidħol ftit aktar fid-dettal, fil-limitazzjonijiet ta' dan l-artiklu, bil-ħsieb li jkunu ta' għajnuna fil-ħajja tagħna.

**Naħsbu b'mod profond**

Il-firxa tat-teknoloġija speċjalment il-mezzi portabbli u l-internet kif ukoll il-mezzi soċjali ġabu bidla kbira bil-mod kif aħna nirċievu l-informazzjoni. Qabel xejn fil-ġurnaliżmu hemm ġirja sfrenata min se jwassal l-aħbar l-ewwel, kontra ta' dak li kien jiġri qabel, fejn il-qofol kien min se jwassal l-aktar artiklu mirqum. Is-sensazzjonaliżmu ma jonqosx. Terġa' u tgħid xi qarrejja lanqas dak l-artiklu ma jaqraw għaliex xi wħud jaslu biss sat-titlu u jikkummentaw. Il-ħsejjes u l-istampi huma bil-wisq aktar attraenti mill-qari u l-ktieb qed ikollu l-isfida li jikkompeti ma' dawn il-mezzi multimodali. Jekk dawn il-bidliet kollha ġabu titjib fil-ħajja tagħna, żgur hemm valur li rridu mhux biss inħarsuh imma saħansitra nrawmuh. Dan huwa dak li naħsbu. U rridu naħsbu b'mod profond.